# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 23 ta' Marzu 2023**

**Appell numru 851/2015**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Neil FALZON**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-4 ta' Ġunju 2021 fil-konfront ta' Neil FALZON (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 511096M) fejn ġie mixli talli f'dawn il-Gżejjer fil-11 ta' Ottubru 2015 għall-ħabta tad-8.40hrs ġewwa Ryan's li jinsab fi Triq Wied il-Għomor, San Ġiljan u/jew fil-viċinanzi:
    (i) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja fil-perikolu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fil-ġisem ta' David Vella;
    (ii) Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-bwon ordni jew il-kwiet pubbliku bl-għajjat u bil-ġlied.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), wara li rat l-Artikoli 214, 216, 338(dd), 383 tal-Kapitolu 9 tal-

Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat appellant mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha, filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni, u ikkundannatu għall-piena ta' tmintax -il xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali, tali terminu ta' priġunerija ġie sospiż għal żmien ta' tlett snin mid-data ta' din is-sentenza. Il-Qorti wkoll, ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati tar-responsabilita' tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi FALZON appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti:

A. Stante n-nullita tas-sentenza appellata, tħassar l-istess u tirrimanda l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan sabiex ma tipprivax lill-appellant mill-benefiċċju tad-doppio esame;[1]
Jew
B. Fl-eventwalita' li l-ewwel aggravju u kwindi l-ewwel talba tiġi miċħuda, li tirriforma s-sentenza appellata u dan billi
1. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni; u
2. tħassarha in kwantu sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u minflok tilliberah minnha jew
3. b'mod sussidjarju u mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti ossai għat-talba A, talbiet B1 u B2, tħassarha in kwantu sabet l-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni taħt l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 u minflok issibu ħati tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana in linea mal-aggravju B2; jew
4. b'mod sussidjarju u strettament mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti ossia għat-talba A u t-talbiet B1 u B2 u B3 fl-eventwalita' li tiġi kkonfermata l-ħtija hekk kif inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti, li tvarja l-piena erogata b'piena aktar ekwa u ġusta.

U dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

i) Dwar l-apprezzament ta' provi b'rabta mal-ewwel imputazzjoni: ir-rimarki sottlineati mill-Qorti tal-Maġistrati huma konklużjonijiet derivanti minn apprezzament ħażin ta' provi. Mhux talli dawk il-

[1] Dan l-aggravju ġie trattat u ngħatat sentenza preliminari fis-6 ta' Diċembru 2022 fejn din il-preġudizzjali tan-nullita' ġiet miċħuda.

kunsiderazzjonijiet ma humhiex sorretti mill-provi korraborativi talli addirittura l-provi akwiżiti jippontaw lejn direzzjoni kompletament differenti. Il-filmati u l-istills esebiti bħala l-prova reġina tal-Prosekuzzjoni spiċċaw biex immiltaw favur l-appellant u dan stante li l-filmat de quo la juri individwi li ġew fl-idejn u wisq anqas juri li l-appellant ta xi daqqa' ta' ponn lil xi ħadd. Fl-assenza ta' din il-prova diretta il-Prosekuzzjoni ma kien jifdlilha ebda alternattiva oħra għajr li tibbaża l-każ kollu tagħha fuq dak mistqarr mill-parte civile David Vella u in segwitu tħalli f'idejn il-Qorti sabiex tevalwa jekk għadhiex mis-sewwa jew le. Jidher li l-verżjoni mogħtija mill-parte ċivile ġiet emnuta u konsiderata bħala kredibbli sabiex il-Qorti tikkonvinċi ruħa li l-aggressjoni saret wara li l-parte civile Vella nħareġ 'il barra minn Ryan's Pub waqt li kien imdawwar bil-bouncers u fl-istess nifs tistħaq ukoll li l-verżjoni offruta mill-istess parte civile hija iktar kredibbli minn dik mogħtija mill-appellant. Allura jistaqsi l-appellant jekk emnet lill-parte ċivile, kif imbagħad ikkonkludiet li l-aggressjoni seħħet barra l-konfini ta' Ryan's Pub meta kien il-parte civile stess li sostna li d-daqqiet ta' ponn ingħataw fil-mument li l-bouncers kienu qed iġorruh 'il barra. B'hekk issegwi l-mistoqsija l-Qorti emnet lill-parte civile f'dak kollu li stqarr jew għażlet hi liema partijiet mix-xhieda tiegħu temmen? Huwa realistiku li l-appellant sejjer jasal javviċina lil xi ħadd u jtih daqqiet ta' ponn f'punt fejn dan ix-xi ħadd huwa mdawwar bil-bouncers? In oltre jiġi mfakkar li l-appellant f'dak il-lejl ma kienx waħdu għaliex xehdu xhieda pajżana oħra Darren Sciberras, Andrew Navarro u Luca Bugeja li lkoll kienu preżenti fil-mument tal-allegat inċident. Dawn it-tlieta li huma kkonfermaw li fl-ebda mument ma raw lill-appellant jagħti daqqa' ta' ponn lil xi ħadd. Mhux hekk biss talli xhud minnhom Darren Sciberras saħaq li huwa u l-appellant ħarġu flimkien minn jeddhom mill-istabbilimnet Ryan's Pub. Kif setgħet l-ewwel Qorti temmen lil parte civile u lit-tfajla tiegħu Joy Mackay meta dawn lanqas qablu bejnithom fil-verżjonijiet li taw? Tant Joy Mackay kienet qeda tigdeb u tonfoħ il-fatti li mill-filmati minn imkien ma tidher taqla' daqqa ta' ponn minn xi ħadd.

ii) Minkejja dak kollu appenna sottomess, anke jekk għall-grazzja tal-argument, wieħed jista' jasal li jaċċetta li l-parte civile David Vella ġenwinament ħaseb li proprju l-appellant kien li fajjarlu daqqa ta'ponn wieħed irid iżomm f'moħħu li f'dak li waqt il-pub kien mimli nies u għalhekk wieħed seta' faċilment jitfixkel. Huwa f'dan ir-rigward li jagħmel sens dak li xehed l-appellant meta irrileva li kien hemm persuna oħra li jixbħu li wkoll inzerta kien

liebes qmis ta’ lewn roża bħalu u b’hekk il-parte civile setgħa faċilment tfixklu. Għalhekk, in dubio pro reo.

iii) L-aggravju B2: Dwar in-natura tal-ġrieħi sofferti mill-parte civile: il-Qorti naqset milli tagħmel apprezzament tax-xhieda tat-tabib li eżamina lil parte ċivile Dr. Luke Zammit. Jibda biex jingħad li l-aqwa prova kellha ssir permezz ta’ ritratt meħud ftit wara l-akkadut. Tali prova fotografika fl-atti proċesswali ma tinstabx u għalhekk wieħed irid bilfors jistrieħ fuq dak li qalu t-tobba. Mhux kull ferita fil-wiċċ iġġib mankament jew sfreġju u konsegwentement mhux kull ferita li tkun fil-wiċċ għandha tiġi klassifikata bħala waħda gravi ai termini tal-Artikolu 216. Lanqas it-tabib stess ma kien f’pożizzjoni li jikkonferma li l-offiżi kkaġonati fuq il-persuna ta’ David Vella effettivament kienux jammontaw għall-mankament jew sfreġju skont l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

iv) Il-Piena erogata: fost oħrajn, għandu jiġi kkunsidrat il-fattur tat-trapass taż-żmien u l-eta’ tal-appellant.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

5. Illi din il-Qorti hija Qorti ta’ reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Man ġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] intqal:

[2] Tal-21 t’April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta’ l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

6. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[3]

7. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

8. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik

tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

9. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

10. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[5] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

---

[5] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

14. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliża fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

15. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

16. Fil-każ Ingliż **Majid**,[8] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

17. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

18. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell

[7] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[8] ibid.
[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

19. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

20. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

21. Illi huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-hearsay u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw **il-hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista’, ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista’ ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista’ jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra, l-aktar f’każijiet ta’ twelid, ta’ żwieġ, ta’ mewt, ta’ assenza, ta’ servitù, ta’ rjieħ ta’immobbli, ta’ pussess, ta’ drawwiet, ta’ ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta’reputazzjoni jew ta’ fama, ta’ kliem jew fatti ta’ nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta’ fatti oħra ta’ interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

22. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta’ Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b’dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta’ dan l-artikolu jgħid hekk:
‘599. Il-qorti tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista’ jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra,’

22. Fil-fatt fil-kawża ‘Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija’ il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta’ Jannar 1988 qalet hekk:
‘Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta’ depożizzjoni ta’ xhud dwar x’qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita’ ta’dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta’ dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).’

23.Ukoll fl-Ingilterra u f’Wales ir-regola tal-hearsay m’għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ‘ Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom’ tal-15 ta’ Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f’pargrafu 130:

‘However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST’s statement in Al-Khawaja’s case and T’s statement in Tahery’s case.’

24. Fil-każ ta’ Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta’ xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju

qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

23. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

24. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

25. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

26. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-

deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

27. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

28. Illi nhar il-11 ta' Ottubru 2015, għall-ħabta ta' 20.40hrs, il-Pulizija tal-Għassa ta' San Ġiljan irċieva rapport bit-telefon li kienet seħħet ġlieda ġewwa l-istabbiliment ta' Ryan's Pub f'San Ġiljan. Il-Pulizija tad-distrett immedjatament irrikorriet fuq is-sit fejn hemmhekk ma ġie nnutat l-ebda ġlied iżda ġew avviċinati minn xi nies li stqarrew mal-Pulizija kif kienu nvoluti fi ġlieda. Dawn irriżulta illi kienu Darren Sciberras u Luca Bugeja. Ġewwa l-għassa ta' San Ġiljan ġie identifikat il-parte leża, David Vella li kellu ġrieħi viżibbli f'wiċċu.

29. Il-Pulizija komplew bl-investigazzjonijiet tagħhom fejn anki ġew mitkellma diversi nies u ttieħdu anki filmati tal-cameras tas-sigurta' minn ġewwa l-istabbiliment ta' Ryan's Pub għall-iktar stħarriġ. Il-Pulizija ġew infurmati wkoll minn David Vella li huwa ġie medikat ġewwa l-Isptar Mater Dei u li kien ġie ċċertifikat minn Dr. Luke Zammit bħala li kien qiegħed isofri minn ġrieħi gravi f'wiċċu.

30. Sussegwentement, il-Pulizija ħarġu l-akkużi fil-konfront ta' Neil Falzon fejn ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-2 ta' Marzu 2016 u ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli kkaġuna ġrieħi gravi lil David Vella dakinhar tal-11 ta' Ottubru 2015.

## Ikkunsidrat

31. Il-Qorti tal-Maġistrati sabet ħtija fil-konfront tal-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni mhux daqstant fuq is-saħħa tal-filmat esebit bħala Dok AF2 u l-istills meħuda minnu, daqskemm minn dak li xehdu l-parte leża David Vella u t-tfajla tiegħu Joy Mackay.

32. L-appellant prinċipalment jibbaża l-appell tiegħu fuq il-lanjanza li s-sejbien ta' ħtija huwa 'unsafe and unsatisfactory' mhux biss għaliex it-teżi tal-Prosekuzzjoni mhix imsaħħa mill-kontenut tal-filmat eżebit iżda anki għaliex ix-xhieda ewlenija tal-Prosekuzzjoni Vella u Mackay ma kinux konsistenti f'dak li xehdu u saħansitra ma qablux bejnithom fir-rakkonat tal-akkadut. L-appellant jinsisti wkoll li mill-banda l-oħra hemm tlett xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni : Andrew Navarro, Darren Sciberras u Luca Bugeja li taħt ġurament eskludew l-involviment tal-appellant fl-inċident li wassal għall-feriti li David Vella ġie ċċertifikat illi kien sofra dakinhar tal-11 ta' Ottubru 2015 ġewwa Ryan's Pub f'San Ġiljan.

33. Ix-xhieda okulari f'dan il-proċess tinqasam fi tnejn: dik tal-parte leża Vella u Joy Mackay fuq naħa, u dik ta' Andrew Navarro, Luca Bugeja u Darren Sciberras – il-ħbieb tal-appellant – u l-appellant innifsu fuq in-naħa l-oħra. L-evalwazzjoni ta' dawn il-provi f'dan il-każ riedet tittieħed b'iżjed kawtela minħabba l-interess li dawn ix-xhieda intwera li għandhom, kif ukoll minħabba li rriżulta wkoll li Vella u FALZON mhux biss kienu jafu lil xulxin minn qabel dan il-każ, iżda jirriżulta wkoll li kienu parti minn klikek ta' żgħażagħ li kien hemm xi piki u battibekki qabel bejniethom – fosthom dawk marbuta mal-

football fejn naħa minnhom mal-Belt u n-naħa l-oħra mal-Hibs.  Dan diġa fih innifsu joffri parti mill-kuntest.

34. Kwantu għall-meritu ta' dan il-każ, huwa evidenti li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) abbraċċat il-verżjoni tal-fatti kif rakkuntata minn Vella u Mackay.  Din il-Qorti ma għandhiex dubju li ż-żewġ fażżjonijiet f'dan il-każ pruvaw ipinġu l-istampa li l-iżjed kienet taqbel lilhom.  Dan jirriżulta mill-fatt li x-xiehda ta' Vella u Mackay verament ma taqbilx fuq ċerti dettalji saljenti – fosthom eżattament x'wassal għall-inċident meritu ta' dan il-każ.  Issa din hija sfida komuni għal dawn it-tip ta' każijiet fejn ix-xiehda tax-xhieda interessata tkun tendenzjalment fazjuża.  F'dan il-każijiet għalhekk enfażi ikbar tkun trid issir fuq l-analiżi tal-evidenza l-oħra disponibbli, kemm diretta kif ukoll indiretta.  Minkejja kollox, xorta waħda tibqa' sfida kbira għall-ġudikant li jkun irid jiddeċiedi l-meritu ta' każijiet simili.

35. Biss fi proċess ġudizzjarju, il-verita ġudizzjarja trid dejjem taspira li twassal għall-verita storika u li tkun taqbel magħha.  Iżda dan mhux dejjem ikun faċli b'mod partikolari f'każijiet fejn ix-xiehda tax-xhieda tkun kontradittorja.  Huwa għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati tkun trid tagħmel evalwazzjoni iżjed akkurata tal-verżjonijiet mogħtija u tara jekk u safejn tali verżjonijiet ikunu korroborati.  Għalhekk ukoll l-iżjed kriterji determinanti mhux in-numru tax-xiehda li jtennu verżjoni partikolari iżda l-kwalita tax-xiehda li toħroġ minn fomm kull wieħed minnhom.

36. Din il-Qorti, ma tbiddilx l-apprezzament tal-Qorti tal-Maġistrati meta tara li dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal tagħmel dak l-apprezzament, anke jekk forsi din il-Qorti setgħet tasal għal apprezzament differenti bażat fuq l-istess fatti.  Din il-Qorti tista' ma taqbilx ma dak li tkun qieset il-Qorti tal-Maġistrati; iżda jekk id-deċiżjoni tagħha kif bażata fuq dawk il-provi setgħet legalment u raġonevolment tittieħed minnha (minħabba li tkun bażata fuq ix-xhieda prodotta, fuq interpretazzjoni raġunata ta' dik ix-xhieda, fuq applikazzjoni korretta tal-liġi applikabbli għal dik ix-xiehda u l-fattispecie u li twassalha għal waħda mill-konklużjonijiet plawżibbli u raġonevolment raġġunġibbli f'dawk iċ-ċirkostanzi), allura f'dak il-każ, din il-Qorti ma tkunx tista' tiddisturba dik id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati, anke jekk din il-Qorti setgħet tasal għal interpretazzjoni jew konklużjoni fattwali differenti.

37. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet temmen kollox jew parti minn dak li stqarrew ix-xiehda Vella u Mackay.  Jirriżulta li emnitom fil-parti l-

kbira ta' dak li qalu. Bis-saħħa tal-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tistrieħ fuq dak li xehdu David Vella u Joy Mackay dment li dik il-Qorti kienet konvinta minn dik ix-xiehda. Anzi, bis-saħħa tal-istess Liġi, dik il-Qorti setgħet issib ħtija fl-appellant in bażi għax-xiehda ta' wieħed minnhom biss in kwantu jekk emnuta minn dik il-Qorti, tali prova titqies li kienet prova sħiħa u kompluta daqslikieku ġiet ikkonfermata minn ċirkostanzi oħra. F'dan il-każ jirriżulta li dik il-Qorti straħet fuq ix-xhieda kemm tal-parti leża kif ukoll ta' seħibtu li kienet miegħu fil-mument tal-aggressjoni u baqgħet miegħu anki wara l-akkadut.

38. Dik il-Qorti rat li David Vella u Joy Mackay qablu bejnithom dwar min kienet il-persuna li fajret id-daqqiet lil Vella f'dik il-kommozzjoni li qamet kif ukoll il-mument meta dawn ġew mogħtija. Għalkemm hemm diskrepanza ċara bejniethom dwar dak li ta lok għall-bidu tal-inċident li segwa, kif ukoll li ma qalux dak kollu li seħħ f'dan l-inċident, u x'wassal biex Vella inħareġ il-barra mis-"security", jibqa' l-fatt li t-tnejn li huma kienu jafu lill-imputat appellat minn qabel dan l-inċident, kif ukoll li t-tnejn li huma identifikawh bħala l-aggressur mill-ewwel stadji tal-investigazzjoni, kif anke jirriżulta mill-NPS f'paġna 6.

39. Interessanti huwa skonthom l-argument inqala minħabba sitwazzjoni li nqalgħet marbuta ma' relazzjoni li Mackay kellha ma wieħed mill-ħbieb tal-appellant. Mackay issemmi li kien Luca Bugeja li aggrediha lilha b'daqqa ta' ponn. Pero Vella ma jsemmi xejn minn dan. Vella f'paġna 19 jgħid li Luke Bugeja, Darren Sciberras (l-ex ta' Mackay) u l-appellant kienu dawk li "ittantaw lit-tfajla tieghi u sehh argument". Jgħid li ttantawha b'sinjali li għamlu b'idejhom : "Qatghu jdejhom u kellhom xi passat bejniethom" jgħid Vella f'paġna 20. Iżid ukoll li offendewha b'kemm għandha. Mackay pero dan ma tikkonfermahx. Iżda indipendentement minn dan kollu, meta ġew biex jiddeskrivu min kien l-artefiċi tad-daqqiet li qala Vella, it-tnejn li huma mill-ewwel qablu li kien Neil FALZON, u mhux Luca Bugeja jew Darren Sciberras. Ma jirriżultax mill-provi li kien hemm xi inċidenti preċedenti bejnet FALZON u Vella, għajr, kif intqal, traċċi ta' pika sportiva u pika bejn fazzjonijiet ta' żgħażagħ tipika ta' dik l-eta.

40. Din l-identifikazzjoni ta' FALZON magħmula mill-bidu nett, u f'kuntest fejn Vella u Mackay kienu jafuh minn qabel kif ukoll li FALZON ġie mislut mill-kumplament tan-nies li kienu involuti fil-kommozzjoni li segwiet, akkwistat piż qawwi fuq id-deċiżjoni tal-Qorti

tal-Maġistrati. Dawn huma konsiderazzjonijiet pertinenti li dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tagħmel u tasal għalihom in bażi għall-provi li kellha quddiemha.

41. Id-dinamika tad-daqqiet minn FALZON fuq wiċċ Vella hija rakkuntata b'mod simili minn Vella u Mackay. Wieħed ma jridx jinsa li dawn l-inċidenti jseħħu f'temp ta' ħin qasir ħafna, bosta drabi kwistjoni ta' sekondi. B'hekk mhux kull min ikun preżenti jkun f'qagħda li jara eżattament xi jkun seħħ f'dik il-leħħa ta' berqa. Il-posizzjoni, il-perspettiva u l-attenzjoni differenti ta' dak li jkun jista' twassal biex nies li jkunu preżenti fl-istess post ma jarawx l-istess affarijiet iseħħu jew ma jarawhomx iseħħu eżatt bl-istess mod. Iżda f'dan il-każ, kemm Vella kif ukoll Mackay kienu ċari li l-aggressur kien l-appellant u ħadd iżjed. F'paġna 23 Vella jixhed ċar li d-daqqa tahielu FALZON huma u ħerġin minn Ryans Pub u jgħid ukoll li wara li saru xi imbuttaturi ġew is-'Securities' sabiex iferrquhom. Ma jgħidx li d-daqqa tahielu quddiem is-'Securities'. F'paġna 41 Joy Mackay tikkonferma l-verżjoni li ta David Vella fis-sens li d-daqqa Vella qalagħha huma u kienu ħerġin u li 's-Securities' ġew sabiex iferquhom wara li Vella kien qala' din id-daqqa' bit-tir li l-ġlieda ma tkomplix tiskala.

42. Vella u Mackay ma jsemmux li f'dak il-mument beda ħiereġ id-demm fuq wiċċ David Vella; iżda jikkonfermaw kif mal-mument illi Vella qala' din id-daqqa' qamet konfużjoni u s-'securities' mill-ewwel ġew sabiex joħorġuhom 'il barra. Il-Qorti tal-Maġistrati għalhekk kellha prova li din id-daqqa' kienet il-motiv li minħabba fiha nqalgħet kommozzjoni tali li kellhom jintervjenu 's-securities'; u li din id-daqqa seħħet proprju ġewwa l-istabbilment ta' Ryans Pub u mhux fuq barra.

43. Anki Darren Sciberras u Luca Bugeja jgħidu kif inqalgħet konfużjoni sħiħa u li raw lil David Vella jiġi eskorat 'il barra mill-pub mis-'securities' – fatt dan li jikkorrabora dak li qalu Vella u Mackay li s-'securities' intervjenew sabiex iferrqu l-ġlieda. Kif intqal, stante l-ammont kbir ta' nies u rassa li kien hemm, nonche l-kommozzjoni li segwiet, jista verament jagħti l-każ li Sciberras u Bugeja ma rawx lil FALZON jagħti daqqa ta' ponn; anke peress li huma jgħidu li sa qabel intervjenew is-'securities' huma kienu fit-toilet : u mix-xhieda ta' Vella u Mackay jirriżulta kif din id-daqqa' ta' ponn ingħatat **<u>qabel</u>** ma intervjenew is-'securities'. B'hekk jista' jkun li huma ma rawx l-inċident sħiħ, iżda nzertaw rawh biss mill-mument illi kienu ġew is-'securities' sabiex joħorġu lil Vella 'l barra u allura wara li skont Vella,

dan kien laħaq qala' d-daqqa' ta' ponn. Biss din il-Qorti hija konvinta li anke hawn l-istorja kollha vera ħadd minnhom ma qalha mill-bidu sal-aħħar għax ma ġiex spjegat b'mod raġunat kif kien Vella li ġie mkaxkar il-barra mis-"security" tal-istabbiliment.

44. F'paġna 72, Andrew Navarro jixhed li fil-mument tal-kommozzjoni lil Neil FALZON ma rahx hemmhekk. Dan ix-xhud ma jsemmix li kien it-toilet fil-mument illi nqala' l-ġlied. Ifisser għalhekk li dan ix-xhud Navarro kien preżenti. Navarro ma jagħrafx jorbot lil FALZON mal-mument li nqalgħet kommozzjoni ġewwa Ryans Pub.

45. Iżda mill-banda l-oħra b'referenza għal dak l-istill immarkat DOK NF1 fil-mument indikat fl-istil meħud minn camera 07 fil-ħin ta' 19:32:42 l-appellant FALZON jgħid illi kien qiegħed jagħraf lilu nnifsu bħala dik il-persuna immarkata b'salib bil-biro li kien jidher li kien qiegħed ħdejn il-bar. F'paġna 127 jgħid li huwa kien mal-bar preċiżament fil-mument illi seħħet kommozzjoni u qal ukoll li ra xi nies joħorġu 'l barra. Issa, skont ma jirriżulta mill-istills meħuda mill-filmat miġbud minn camera 01, fil-ħin indikat bħala 19:32:01 diġa jidher li beda jiġri xi ħaġa li ġibed l-interess ta' dawk il-persuni li jidhru fl-istills. Fl-istill meħuda fis-19:32:09 miġbud minn camera 01, diġa jidher jintervjeni is-'security' tal-istabbiliment. L-azzjoni ndikata fl-istill li jġib il-ħin 19.32:09 bħala l-mument li s-'security' ħarġu lil Vella u lill-seħbitu mill-istabbiliment kienet diga' seħħet meta mqabla mal-l-istill tas-19:32:42 miġbuda minn fuq camera 07. Isegwi għalhekk illi kien diġa' seħħ xi ħaġa li qajmet kommozzjoni fil-mument illi ntervjenew is-securities tal-istabbiliment. U dik il-kommozzjoni seħħet ftit sekondi qabel ma l-appellant għaraf lilu nnifsu bħala l-persuna li kienet tidher ħdejn il-bar. Dan jorbot ma' dak li xehdu Vella u Mackay li Vella kien diġa' qala' daqqa ta' ponn mingħand FALZON fil-mument illi intervjenew is-'securities' sabiex iferrqu l-ġlieda u joħorġuhom 'il barra.

46. FALZON isemmi wkoll li kien wieħed li jgħidulu l-'boqqli' li dakinhar kien liebes ukoll qmis roża bħalu. FALZON iżid li lil dan it-tali ma kienx jaf x'jismu għalkemm 'dak iż-żmien konna nkunu flimkien'. Din il-persuna qatt ma ttellgħet sabiex tixhed minkejja li dan ix-xhud ġie indikat mill-appellant bħala li kienet il-persuna li l-parte leża seta' tfixkel magħha bħala l-awtur tal-aggressjoni.

47. Mill-banda l-oħra, għalkemm fil-kontro-eżami tiegħu David Vella m'għaraf lil ħadd mir-ritratti illi ra, fl-ebda ħin ma rtira x-xhieda tiegħu jew biddilha f'dik il-parti fejn huwa akkolla r-responsabbilta tal-

appellant FALZON bħala l-awtur tal-offiża subita minnu dakinhar tal-11 ta' Ottubru 2015 fir-Ryan's Pub f'San Ġiljan.

48. Din il-Qorti taqbel mal-appellant illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħet qatt tikkonkludi li l-aggressjoni saret **wara** li l-parte ċivile ħareġ barra jekk fl-istess mument hija kienet qiegħda temmen ix-xiehda ta' Vella u Mackay u tiskarta dik tal-appellant FALZON u l-ħbieb tiegħu Bugeja, Navarro u Sciberras. Vella u Mackay dejjem sostnew kif il-ġlieda u d-daqqiet ta' ponn seħħew fuq ġewwa imma huma u ħerġin 'l barra bis-"security". L-appellant jikkontesta din l-asserzjoni in kwantu jgħid li hija inverosimili li Vella qala' dawn id-daqqiet fil-preżenza tas-"security". U mal-ewwel daqqa t'għajn dan l-argument jista' jinstema' li jagħmel sens. Iżda wieħed irid iżomm ukoll quddiem għajnejh li meta inqala dan l-inċident, f'dan il-lokal kien hemm ħafna nies u rassa. In-numru tas-security kien inferjuri għan-numru ta' dawk in-nies li kienu involuti fil-kommozzjoni. Is-"security" setgħu joħorġu l-barra wieħed wieħed lil kull wieħed minn dawk involuti fil-kommozzjoni. Il-fatt li Vella kien qiegħed jiġi meħud il-barra mis-"security" ma jeskludix li f'tebqa' t'għajn ma setgħax kien hemm wieħed li kien preżenti fost il-folla li verament tah daqqa ta' ponn kif jgħid Vella. Kif intqal, biex tingħata daqqa ta' ponn jew tnejn kull ma trid hi frazzjoni ta' sekonda u posizzjoni tajba mnejn tkun tista' tagħti dawk id-daqqiet. Il-fatt li s-"security" jkun jidher qiegħed impenjat iżomm u joħroġ lil Vella l-barra ma kienx jippermettilu li jxekkel lil FALZON milli jagħti dawk id-daqqiet. Il-focus tas-security li kien qiegħed joħroġ lil Vella l-barra kien imqiegħed fuq Vella u mhux fuq il-kumplament tan-nies li jidhru jiċċirkondawhom. Semmai setgħa kien hemm "security" ieħor li setgħa indaħal biex iżomm lil FALZON – ħaġa li pero ma tirriżultax mill-provi; u dan in-nuqqas jista' jkun dovut għal diversi fatturi.

49. Dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-verżjoni tal-appellant ma kinitx lanqas tasal sal-livell tal-probabli. L-appellant ċaħad l-involviment tiegħu u saħansitra pprova jitfa' l-ħtija fuq il-'boqqli', li għalkemm kien joħroġ miegħu fl-istess grupp ta' ħbieb, qatt ma tellgħu sabiex issaħħaħ it-teżi tiegħu u ta sħabu Navarro, Bugeja u Sciberras li sempliċement xehdu kif l-appellant qatt ma kien preżenti fil-mument tal-kommozzjoni li segwiet il-mument illi ntgħatat id-daqqa' ta' ponn.

50. Biss, ġaladarba l-Qorti tal-Maġistrati sabet li x-xhieda ta' Vella dwar id-dinamika tal-aggressjoni subita minnu u dwar l-artefiċi tagħha kienet konsistenti u korraborata kif spjegat iżjed il-fuq, hija

allura setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li ssib lill-appellant ħati tagħha.

51. Għalhekk dan l-aggravju wkoll qiegħed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

52. Għal dak li jirrigwarda n-natura tal-offiża subita minn Vella, skont ma xehed it-tabib Dr. Luke Zammit – li eżamina lill-parte leża - dawn kienu kklassifikati bħala 'gravi' għaliex saru fuq il-wiċċ. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), imbagħad, fuq skorta ġurisprudenzjali, u wara eżami viżiv tal-marka tal-ferita li kienet għadha tidher fuq il-kappell ta' għajnu x-xellugija, ikkonkludiet li dik l-offiża kaġunata fuq Vella taqa' fit-tifsira tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li l-offiża fuq il-persuna hija meqjusa gravi meta ġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fl-għonq jew fuq waħda mill-idejn tal-offiż.

53. Illi huwa wkoll assodat fil-ġurisprudenza li l-isfreġju msemmi fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali ma jirrikjedix l-element tal-permanenza bħal ma jagħmel l-artikolu 218 tal-istess Kodiċi. Lanqas id-durata tal-infermita' ma hija rikjesta mil-Liġi sabiex jirriżulta integrat dan ir-reat. L-isfreġju jirreferi għal kull deformita' fil-lineamenti tal-wiċċ (jew tal-għonq jew idejn) li jkun viżibbli minn distanza li ġeneralment jitkelmu biha l-persuni. L-isfreġju jinkludi feriti li jkerrħu l-wiċċ għad li b'mod tali li ferita tista' tkun inqas pronunzjata fuq il-wiċċ iżda bl-istess mod tiġi meqjusa bħala gravi minħabba li jintilef ir-regolarita' tal-apparenza tal-wiċċ. Huwa wkoll paċifiku li marka permanenti fil-wiċċ ossija ċ-ċikatriċi li tħalli warajha ferita li tkun għalqet, ma titqies bħala gravi jekk din ma tkunx ukoll waslet għall-ksur ta' dik l-armonija u sbuħija tal-wiċċ. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf** deċiż nhar it-23 ta' Jannar 2013 ġie rilevat illi:

> Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni, li temerġi mill-bran tas-sentenza appena ċitat, li jekk ikun hemm ċikatriċi neċessarjament hemm sfreġju iżda ma jkunx hemm sfreġju jekk ikun hemm sempliċi skolorament tal-ġilda. Anke skolorament tal-ġilda jista' jipproduċi kemm sfreġju kif ukoll mankament fil-wiċċ fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita` tal-ħsara; mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara fil-ġergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li tħalli fuq il-wiċċ.

54. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) daħlet fil-fond fuq l-interpretazzjoni ġurisprudenzjali tal-kunċett ta' sfreġju fit-termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti żżid ukoll dak

mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Ronald Apap**, deċiż nhar il-21 ta' Frar 2012 fejn ġie mistqarr hekk:

> B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfreġju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont ġurisprudenza ormai pacifika, din il-ħsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wiċċ, ghalkemm it-telf ta 'ħafna snien jistgħu jġibu kemm sfreġju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu iħallu fuq il-wiċċ u speċjalment fir-reġjun tal-ħalq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).

55. Magħdud dan kollu, din il-Qorti tirrileva li meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-seduta ta' nhar it-2 ta' Marzu 2016 qalet li kienet qiegħda tara 'de visu l-feriti li qed jallega x-xhud', din iddikjarat ukoll li dawn kienu jidhru għad li ma kinux ippronunzjati u dan b'referenza għaċ-ċikatriċi li kellu Vella fuq il-kappell ta' għajnu x-xellugija. In kwantu għal dik li kellu fuq xufftejh, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qalet ukoll li din kienet viżibbli. Il-ġurisprudenza ċitata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar it-tifsira tal-isfreġju hija wkoll kondiviża minn din il-Qorti. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) diversament presjeduta fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2016, ben ħames xhur wara l-inċident setgħet tara b'għajnejha li dawk li kellu l-vitma fuq il-kappell t'għajnejh ix-xellugija kienu jidhru għalkemm mhux daqshekk pronunzjati, filwaqt li dawk ta fuq ix-xoffa fuq ġewwa ta' ħalqu kienu jirriżultaw ukoll. Dan allura juri li l-isfreġu li sofra Vella ma kienx wieħed temporanju iżda ħalla l-effetti tiegħu fuq wiċċu anke sa' xhur wara l-akkadut tant li l-Qorti setgħet faċilment tarahom. Dan juri li l-offiża kienet fil-fatt tinkwadra fit-tifsira tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

56. Dan l-aggravju għalhekk ukoll qiegħed jiġi miċħud.

## Kunsiderazzjonijet dwar il-Piena

57. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew

manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."
>
> Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

58. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix

ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

59. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

60. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

61. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-piena li mponiet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għal sejbien ta' ħtija taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali kif kien viġenti fiż-żmien tal-allegati reat mertu ta' din l-ewwel imputazzjoni,

taqa' fil-parametri li tippreskrivi l-Liġi. Kif sewwa rrimarkat id-Difiża fit-trattazzjoni tagħha, il-ġurisprudenza tgħallem illi bħala regola, persuni li jkunu ġew misjuba ħatja ta' reati t'offiża fuq il-persuna, ossija reati di sangue, għandhom jiġu kundannati għal pieni karċerarji effettivi. Jidher għalhekk li meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għażlet li timponi dik il-piena ta' priġunerija fil-forma sospiża, hija kienet qegħda tidderoga minn din ir-regola ġurisprudenzjali. Possibilment dik il-Qorti kienet ħadet in konsiderazzjoni iċ-ċirkostanzi tal-każ daqskemm setgħet qieset ukoll l-eta żagħżugħa tal-appellant meta seħħ il-każ. Kien x'kien il-motiv ta' dik il-Qorti, hija waslet għal sentenza sospiża li fiċ-ċirkostanzi għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. Iżda ġaladarba l-Avukat Ġenerali ma appellatx minn dik is-sentenza, din il-Qorti żgur li ma tistax tibdilha *in peius*.

62. Għal dak li jirrigwarda l-fattur tat-trapass taż-żmien, din il-Qorti hija konsapevoli tal-pożizzjoni ġurisprudenzjali li tikkontempla tnaqqis fil-piena fejn dan id-dilungar tal-proċeduri penali ma jkunx għall-raġunijiet imputabbli lill-ħati.[10] Din il-Qorti kellha diversi okkażjonijiet fejn tenniet kif it-trapass taż-żmien madanakollu ma jnaqqas xejn mir-responsabilita' kriminali tal-ħati.[11]

63. Issa, f'dan il-każ jidher li għad li l-allegat inċident seħħ nhar il-11 ta' Ottubru 2015, il-Pulizija pproċedew sabiex ressqu lill-imputat qua appellant żmien wara preċiżament nhar it-2 ta' Marzu 2016. Jidher illi kien hemm ukoll xi dewmien minħabba li l-Maġistrat sedenti kien irtira mill-bank tal-ġudikatura hekk kif jirriżulta mis-seduta datata 24 ta' Ottubru 2017. Jirriżulta wkoll li kien hemm anki differimenti fit-tul minn seduta għall-oħra hekk kif iffissati mill-Qorti tal-Maġistrati li ppresediet il-kawża. Imbagħad, fis-sena 2020 kien hemm ukoll xi differimenti minħabba l-imxija tal-pandemija SARS-COVID 19. Jidher kif anki s-seduta fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha tgħaddi għas-sentenza kontra l-appellant nhar it-30 ta' April 2021 ġiet iddifferita għaliex il-Qorti kien jeħtieġilha iktar żmien għal-prolazzjoni tas-sentenza.

64. Biss, din il-Qorti osservat ukoll li kien hemm diversi talbiet għal differimenti magħmula mid-Difiża u wħud għal raġunijiet ta' saħħa tal-imputat. Hekk li wkoll jirriżulta li l-imputat appellant f'iktar minn

---

[10] **Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et** deċiża mill-Qort tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Ottubru 2002 u **Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi** deċiża nhar id-29 ta' Jannar 2001.
[11] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Attard** deċiża nhar l-24 ta' Lulju 2000 u **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Attard u Angelo Attard** deċiża nhar l-24 ta' Lulju 2000.

okkażjoni waħda weħel disprezz minħabba n-nuqqas tiegħu li jippreżenta ruħu għas-seduta u anki għamilha diffiċli għall-Pulizija sabiex jinnotifikawh f'indirizz residenzjali fiss. Id-difiża tal-appellant tawlet ukoll iż-żmien sabiex tfassal id-difiża tagħha u talbet anki xi differimenti qabel ma xehed l-imputat. Mill-banda l-oħra l-Prosekuzzjoni dejjem tellgħet ix-xhieda tagħha minn seduta għall-oħra.

65. Biex b'hekk din il-Qorti tqis li ma hemmx lok għal xi temperament fil-piena minħabba t-trapass taż-żmien.

# DECIDE

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**